2024/721

8.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/721

tas-27 ta' Frar 2024

li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229

(notifikata bid-dokument C(2024) 1113)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([1]), u b'mod partikolari t-Taqsima 1.4.1(ix) tal-Anness V tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu, jiżviluppaw u jirrestawraw il-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ bil-għan li jinkiseb status ekoloġiku u kimiku tajjeb. Barra minn hekk, tirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu u jtejbu l-korpi kollha tal-ilma artifiċjali u dawk imodifikati ħafna, bil-għan li jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u status kimiku tajjeb.

(2) Sabiex tiddefinixxi wieħed mill-għanijiet ambjentali ewlenin tad-Direttiva 2000/60/KE, jiġifieri l-istatus ekoloġiku tajjeb, id-Direttiva tipprevedi proċess li jiżgura l-komparabbiltà bejn ir-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri u l-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom. Ir-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri u l-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom għandhom jiġu mqabbla permezz ta' netwerk ta' interkalibrar magħmul minn siti ta' monitoraġġ f'kull Stat Membru u f'kull ekoreġjun tal-Unjoni. Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru, kif xieraq, it-tagħrif meħtieġ għas-siti inklużi fin-netwerk ta' interkalibrar, sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ mad-definizzjonijiet normattivi tat-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Sabiex isir l-eżerċizzju ta' interkalibrar, l-Istati Membri huma organizzati fi Gruppi Ġeografiċi ta' Interkalibrar, magħmula minn Stati Membri u n-Norveġja li għandhom tipi partikolari ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ komuni, kif iddefinit fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

(3) F'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE, l-eżerċizzju ta' interkalibrar għandu jitwettaq fil-livell tal-elementi ta' kwalità bijoloġika, billi jitqabblu r-riżultati tal-klassifikazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ għal kull element ta' kwalità bijoloġika u għal kull tip komuni ta' korp tal-ilma tal-wiċċ fost l-Istati Membri. L-eżerċizzju għandu jiżgura wkoll il-konsistenza tar-riżultati mad-definizzjonijiet normattivi stabbiliti fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva.

(4) Il-Kummissjoni ffaċilitat erba' fażijiet tal-eżerċizzju ta' interkalibrar. Fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tħejjew erba' dokumenti ta' gwida (Nru 6 ([2]), 14 (żewġ verżjonijiet ([3])) u 30 ([4])) sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-interkalibrar. Dawn jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-prinċipji ewlenin tal-proċess u tal-għażliet għat-twettiq tal-eżerċizzju, inkluż l-iskedi ta' żmien u r-rekwiżiti dwar ir-rappurtar. Barra minn hekk, jipprovdu proċedura sabiex jiġi żgurat li l-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni ġodda jew riveduti jkunu konsistenti mad-definizzjoni armonizzata ta' status ekoloġiku tajjeb.

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

([2]) Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance Document No 6, Towards a Guidance on Establishment of the Intercalibration Network and the Process on the Intercalibration Exercise, European Communities, 2003. ISBN 92-894-5126-2

([3]) Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance document No 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2004-2006, ISBN 92-894-9471-9;Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/KE), Guidance document No 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2008-2011, ISBN: 978-92-79-18997-5

([4]) Procedure to fit new or updated classification methods to the results of a completed intercalibration exercise, Guidance document No 30. Technical Report 2015-085, ISBN: 978-92-79-38434-9

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE ([5]) inkludiet xi riżultati tal-interkalibrar għal għadd ta' elementi ta' kwalità bijoloġika. Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-valuri tad-delimitazzjonijiet bejn il-klassijiet li l-Istati Membri kellhom jużaw fil-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali tal-monitoraġġ tagħhom.

(6) L-ewwel fażi tal-eżerċizzju tal-interkalibrar ma kinitx kompluta. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet it-tieni fażi għal dan il-proċess. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE ([6]) sabiex jitnaqqsu d-distakki u titjieb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-interkalibrar fil-ħin għat-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċiri tax-xmara mistennija fl-2015. Ir-riżultati żvelaw li f'xi każijiet l-interkalibrar inkiseb biss b'mod parzjali. Kien hemm ukoll Gruppi Ġeografiċi ta' Interkalibrar u elementi ta' kwalità bijoloġika li għalihom ma kien hemm l-ebda riżultat tal-interkalibrar li jista' jiġi inkluż f'dik id-Deċiżjoni.

(7) Għalhekk, sabiex jitnaqqsu dawn id-distakki u titjieb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-interkalibrar fil-ħin qabel it-tielet pjanijiet ta' ġestjoni għall-baċiri tax-xmara mistennija fl-2021, kienet meħtieġa t-tielet fażi tal-eżerċiżżju tal-interkalibrar. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229 ([7]). Għal darb'oħra, ir-riżultati żvelaw li f'xi każijiet l-interkalibrar inkiseb biss b'mod parzjali.

(8) Kien hemm il-ħtieġa li jitnaqqsu dawk id-distakki li kien fadal, u li jiġu rieżaminati xi wħud mir-riżultati adottati preċedentement bil-ħsieb tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tal-Istati Membri. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet ir-raba' fażi tal-eżerċizzju ta' interkalibrar. Ir-riżultati tagħha huma inklużi fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Għall-fini tal-iżvilupp tar-riżultati fil-Parti 1 tal-Anness 1, il-passi kollha tal-proċess tal-interkalibrar stabbiliti fid-dokumenti ta' gwida tlestew kompletament. Il-Parti 2 tal-Anness 1 tinkludi fiha l-metodi ta' klassifikazzjoni nazzjonali u l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi tagħhom li għalihom ma kienx teknikament fattibbli li titlesta l-valutazzjoni tal-komparabbiltà minħabba nuqqas ta' tipi komuni, pressjonijiet differenti indirizzati jew kunċetti ta' valutazzjoni differenti. Il-Parti 3 tal-Anness 1 tinkludi tipi ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ (li jinsabu fl-Istati Membri u fin-Norveġja) li għalihom ma japplikax element jew sottoelement ta' kwalità bijoloġika abbażi tal-ġustifikazzjonijiet ipprovduti u aċċettati. Billi r-riżultati stabbiliti fil-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness 1 huma konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi stipulati fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi jiġu użati fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tal-Istati Membri.

(10) Meta l-korpi tal-ilma li jikkorrispondu għat-tipi interkalibrati jiġu ddeżinjati bħala korpi tal-ilma artifiċjali jew modifikati ħafna f'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw ir-riżultati ppreżentati fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni biex jiksbu l-potenzjal ekoloġiku tajjeb tagħhom. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu l-modifiki fiżiċi tagħhom u l-użu tal-ilma assoċjat magħhom f'konformità mad-definizzjonijiet normattivi fil-punt 1.2.5 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

(11) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-interkalibrar għas-sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali tagħhom meta jkunu qed jistabbilixxu d-delimitazzjonijiet bejn status għoli u status tajjeb u bejn status tajjeb u status moderat għat-tipi nazzjonali kollha tagħhom.

(12) L-informazzjoni disponibbli permezz tal-istabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-rieżami u l-aġġornament tal-karatteristiċi tad-distretti tal-baċiri tax-xmara previsti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jistgħu jwasslu għal evidenza ġdida. F'xi każijiet, tali informazzjoni tista' tinvolvi l-ħtieġa li l-Istati Membri jadattaw is-sistemi ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiżviluppaw metodi ta' klassifikazzjoni nazzjonali ġodda li jkopru elementi jew sottoelementi ta' kwalità bijoloġika u l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi li jkollhom ikunu konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi stabbiliti fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE tat-30 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar (ĠU L 332, 10.12.2008, p. 20)

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE tal-20 ta' Settembru 2013 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li thassar id-Deċiżjoni 2008/915/KE (ĠU L 266, 8.10.2013, p. 1).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229 tat-12 ta' Frar 2018 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li thassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE (ĠU L 47, 20.2.2018, p. 1).

(13) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2018/229 jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita skont dan.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2000/60/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini tat-taqsima 1.4.1(iii) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw il-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet li huma stipulati fil-Parti 1 tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Meta ma tkunx tlestiet valutazzjoni tal-komparabbiltà għal element ta' kwalità bijoloġika fi ħdan Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar kif stipulat fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri, għall-fini tat-Taqsima 1.4.1(iii) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, fis-sistemi tal-monitoraġġ u tal-klassifikazzjoni tagħhom għandhom jużaw il-metodi u l-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-metodi u l-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet stipulati fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni biex jistabbilixxu l-potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma dežinjati bħala korpi tal-ilma artifiċjali jew modifikati ħafna f'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/229 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Virginius SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS 1

Il-Parti 1 ta' dan l-Anness tinkludi r-riżultati tal-eżerċizzju tal-interkalibrar li għalih tlestew il-passi kollha tal-proċess tal-interkalibrar, inklużi l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi tagħhom.

Il-Parti 2 tinkludi l-metodi nazzjonali u l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi tagħhom li huma konsistenti mad-definizzjoni normattiva stabbilita fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE iżda fejn ma kienx teknikament fattibbli li titlesta l-valutazzjoni tal-komparabbiltà fi ħdan il-Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar minħabba nuqqas ta' tipi komuni, pressjonijiet differenti indirizzati jew kunċetti ta' valutazzjoni differenti.

Il-Parti 3 tinkludi t-tipi ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ (fl-Istati Membri u fin-Norveġja) li għalihom mhuwiex applikabbli Element jew Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika abbażi tal-ġustifikazzjonijiet mogħtija u aċċettati.

Parti 1

Kategorija tal-ilma	Xmajjar
Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar	Xmajjar Alpini

Deskrizzjoni tat-tipi li ġew interkalibrati

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idrografiku (km^2)	Altitudni (m a.s.l.) u ġeomorfoloġija	Alkalinità	Sistema ta' fluss
R-A1	Pre-Alpina, żgħira sa medja, altitudni għolja, kalkarja	10–1 000	800–2 500 m (baċir idrografiku), blat/ċagħaq	Alkalinità għolja (imma mhux estremament għolja)	
R-A2	Żgħira sa medja, altitudni għolja, siliċika	10–1 000	500–1 000 m (altitudni massima tal-baċir idrografiku 3 000 m, medja 1 500 m), blat	Mhux kalkarja (granit, metamorfika) alkalinità medja għal baxxa	Sistema ta' fluss tas-silġ-glaċjali

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-A1: l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, is-Slovenja

Tip R-A2: l-Awstrija, Franza, l-Italja, Spanja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ALPINI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Invertebrati bentiċi

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż u Tip	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Tip R-A1			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar l-invertebrati bentiċi [Erhebung der biologischen Qualitätselemente — Teil Makrozoobenthos (Detaillierte MZB-Methode)]	0,80	0,60
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,605	0,354
Il-Ġermanja	PERLODES — Bewertungsverfahren von Fließgewässern auf Basis des Makrozoobenthos	0,80	0,60
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) STAR (STAR_ICMi)	0,97	0,73
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi bentoških nevretenčarjev	0,80	0,60
Tip R-A2			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar l-invertebrati bentiċi [Erhebung der biologischen Qualitätselemente — Teil Makrozoobenthos (Detaillierte MZB-Methode)]	0,80	0,60
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,665	0,460
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) STAR (STAR_ICMi)	0,95	0,71
Spanja	BMWP Iberjan (IBMWP)	0,83	0,53

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ALPINI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Fitobentos

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Tip R-A1			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar il-fitobentos [Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 — Fließgewässer/Phytobenthos]	0,89	0,71

Tip u pajiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {...} des eaux de surface	0,94	0,78
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (PHYLIB), Modul Diatomeen	0,735	0,54
L-Italja	Intercalibration Common Metric Index (ICMi) (Mancini & Sollazzo, 2009)	0,87	0,70
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi fitobentosa in makrofitov, fitobentos	0,80	0,60
Tip R-A2			
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar il-fitobentos [Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 — Fließgewässer/Phytobenthos]	0,89	0,71
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {...} des eaux de surface	0,94	0,78
Spanja	IPS (Coste in Cemagref, 1982)	0,94	0,74
L-Italja	Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) (ICMi) (Mancini & Sollazzo, 2009)	0,85	0,64

Kategorija tal-ilma	Xmajjar
Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar	Xmajjar Ċentrali-Baltiċi

Deskrizzjoni tat-tipi li ġew interkalibrati

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idrografiku (km²)	Altitudni u ġeomorfoloġija	Alkalinità (meq/l)
R-C1	Żgħira, art b'altitudni baxxa, siliċika, ramel	10–100	art b'altitudni baxxa, iddominata minn sottostrat ramli (partikoli ta' daqs żgħir), wisa' ta' 3–8 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4
R-C2	Żgħira, art b'altitudni baxxa, siliċika — blat	10–100	Art b'altitudni baxxa, materjal tal-blat wisa' ta' 3–8 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	< 0,4
R-C3	Żgħira, art b'altitudni medja, siliċika	10–100	altitudni medja, blat (granit) — sottostrat ta' żrar, wisa' ta' 2–10 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	< 0,4
R-C4	Medja, art b'altitudni baxxa, imħallta	100–1 000	art b'altitudni baxxa, sottostrat ramli għal biż-żrar, wisa' ta' 8–25 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idrografiku (km²)	Altitudni u ġeomorfoloġija	Alkalinità (meq/l)
R-C5	Kbira, art b'altitudni baxxa, imħallta	1 00 00–10 000	art b'altitudni baxxa, żona tal-barbju, varjazzjoni fil-veloċità, altitudni massima fil-baċir idrografiku: 800 m a.s.l., wisa' ta' > 25 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 0,4
R-C6	Żgħira, art b'altitudni baxxa, kalkarja	10-300	art b'altitudni baxxa, sottostrat ta' żrar (ġebel tal-ġir), wisa' ta' 3–10 m (fil-livell fejn xatt ix-xmara jiġi kważi taħt wiċċ l-ilma)	> 2

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

Tip R-C1: il-Belġju (il-Flanders), il-Belġju (Wallonia), id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja

Tip R-C2: Franza, l-Irlanda, Spanja, l-Iżvezja

Tip R-C3: l-Awstrija, il-Belġju (Wallonia), iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja

Tip R-C4: il-Belġju (Flanders), il-Belġju (Wallonia), iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja

Tip R-C5: il-Belġju (Wallonia), iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja

Tip R-C6: il-Belġju (Wallonia), id-Danimarka, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Spanja, l-Iżvezja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI

Element ta' Kwalità Bijoloġika Invertebrati bentiċi

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika– il-parti dwar l-invertebrati bentiċi	0,80	0,60
Il-Belġju (Flanders)	Indiċi Multimetriku tal-Makroinvertebrati ta' Flanders (MMIF — Multimetric Macroinvertebrate Index Flanders)	0,90	0,70
Il-Belġju (Wallonia)	Indice Biologique Global Normalisé (IBGN) (Norme AFNOR NF T 90350, 1992) and Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012	0,94 (tip R-C1) 0,97 (tipi R-C3, R-C5, R-C6)	0,75 (tip R-C1) 0,74 (tipi R-C3, R-C5, R-C6)
Iċ-Ċekja	Sistema Ċeka għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar li tuża l-makroinvertebrati bentiċi	0,80	0,60
Id-Danimarka	Indiċi Daniż tal-Fawna tax-Xmajriet (DSFI — Danish Stream Fauna Index)	1,00	0,71
L-Estonja	Valutazzjoni Estonjana tal-kwalità ekoloġika tal-ilma tal-wiċċ — makroinvertebrati tax-xmajjar	0,90	0,70

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,665	0,443
Il-Ġermanja	PERLODES — Bewertungsverfahren von Fließgewässern auf Basis des Makrozoobenthos	0,80	0,60
L-Irlanda	Sistema ta' Klassifikazzjoni tal-Kwalità (Q-value)	0,85	0,75
L-Italja	MacrOper, ibbażat fuq il-kalkolu tal-indiċi STAR_ICM	0,96	0,72
Il-Latvja	Indiċi Latvjan tal-Makroinvertebrati (Latvian Macroinvertebrate Index) (LMI)	0,92	0,72
Il-Litwanja	Indiċi Litwan tal-Makroinvertebrati tax-Xmajjar (Lithuanian River Macroinvertebrate Index)	0,80	0,60
Il-Lussemburgu	Indiċi Multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati (I_2M_2)	0,64	0,45
In-Netherlands	KRW-maatlat	0,80	0,60
Il-Polonja	RIVECOmacro — MMI_PL	0,91 (tip R-C1)	0,72 (tip R-C1)
Spanja	METI	0,93	0,70
Spanja (il-Pajjiż Bask)	MBf (Indiċi multimetriku Bask fil-livell tal-familja)	0,91	0,68
L-Iżvezja	Indiċi DJ (Dahl & Johnson 2004)	0,80	0,60

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	AIM (Indiċi Awstrijak tal-Makrofiti għax-xmajjar)	RC-3	0,875	0,625
Il-Belġju (Flanders)	MAFWAT — Sistema Fjamminga ta' valutazzjoni tal-makrofiti	R-C1	0,80	0,60

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Il-Belġju (Wallonia)	IBMR-WL — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar (Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012)	R-C3	0,925	0,607
Iċ-Ċekja	Metodu ta' valutazzjoni tal-korpi tal-ilma ġieri tal-wiċċ fiċ-Ċekja bl-użu ta' elementi ta' kwalità bijoloġika — makrofiti	R-C3 (tip nazzjonali 1)	0,83	0,67
		R-C3 (tip nazzjonali 4)	0,82	0,64
		R-C4	0,86	0,62
Id-Danimarka	DSPI — Indiċi Daniż tal-Pjanti tax-Xmajriet (Danish Stream Plant Index)	R-C1, R-C4	0,70	0,50
L-Estonja	Indiċi Estonjan tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-C4	0,85	0,65
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (PHYLIB), Modul Makrophyten	R-C1	0,745	0,495
		R-C3	0,80	0,55
		R-C4	0,575	0,395
Il-Ġermanja	NRW-Verfahren zur Bewertung von Fließgewässern mit Makrophyten	R-C1, R-C3, R-C4	0,995	0,695
Franza	IBMR — Indice Biologique Macrophytique en Rivière Standard Franċiż NF T90-395 (2003-10-01)	R-C3	0,93	0,79
		R-C4	0,905	0,79
L-Irlanda	MTR — IE — Klassifikazzjoni Trofika Medja	R-C4	0,74	0,62
L-Italja	IBMR — IT — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-C1	0,90	0,80
		R-C4	0,90	0,80
Il-Litwanja	Indiċi Litwan tal-Makrofiti tax-Xmajjar (Lithuanian River Macrophyte Index)	R-C4	0,61	0,41
Il-Latvja	Metodu ta' valutazzjoni Latvjan bl-użu ta' makrofiti	R-C4	0,75	0,55
Il-Lussemburgu	IBMR — LU — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	R-C3, R-C4, R-C5 u R-C6	0,89	0,79

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
In-Netherlands	Metodu ta' valutazzjoni rivedut għax-xmajjar fin-Netherlands bl-użu ta' makrofiti	R-C1 u R-C4	0,80	0,60
Il-Polonja	MIR — Indiċi tal-Makrofiti għax-Xmajjar (Macrophyte Index for Rivers)	R-C1	0,90	0,65
		R-C3	0,910	0,684
		R-C4	0,90	0,65

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR ĊENTRALI-BALTIĊI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Fitobentos

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar il-Fitobentos [Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 -Fließgewässer/Phytobenthos]	It-tipi kollha, altitudni < 500 m	0,64	0,49
		It-tipi kollha, altitudni > 500 m	0,81	0,53
Il-Belġju (Flanders)	Proporzjonijiet ta' Dijatomi Sensittivi għall-Impatt u Assoċjati mal-Impatt (PISIAD — Proportions of Impact-Sensitive and Impact-Associated Diatoms)	It-tipi kollha	0,80	0,60
Il-Belġju (Wallonia)	IPS (Coste, in CEMAGREF, 1982; Lenoir & Coste, 1996 and Arrêté du Gouvernement wallon du 13 septembre 2012 relatif à l'identification, à la caractérisation et à la fixation des seuils d'état écologique applicables aux masses d'eau de surface et modifiant le Livre II du Code de l'Environnement, contenant le Code de l'Eau. Moniteur belge 12.10.2012)	It-tipi kollha	0,98	0,73
Iċ-Ċekja	Sistema ta' valutazzjoni Ċeka għax-xmajjar li tuża l-fitobentos	R-C3, R-C4, R-C5	0,80	0,63
Id-Danimarka	Indiċi Daniż għall-algi bentiċi (SID_TID)	R-C1, R-C4, R-C6	0,861	0,68
L-Estonja	Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	It-tipi kollha	0,85	0,70

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Franza	IBD 2007 (Coste et al, Ecol. Ind. 2009). AFNOR NF-T-90-354, Diċembru 2007. Arrêté ministériel du 25 janvier 2010 modifié relatif aux méthodes et critères d'évaluation de l'état écologique {...} des eaux de surface	It-tipi kollha	0,94	0,78
Il-Ġermanja	Verfahrensanleitung für die ökologische Bewertung von Fließgewässern zur Umsetzung der EG-Wasserrahmenrichtlinie: Makrophyten und Phytobenthos (PHYLIB), Modul Diatomeen	R-C1	0,67	0,43
		R-C3	0,67	0,43
		R-C4	0,61	0,43
		R-C5	0,73	0,55
L-Irlanda	Forma riveduta tal-Indiċi Trofiku tad-Dijatomi (TDI — Trophic Diatom Index)	It-tipi kollha	0,93	0,78
L-Italja	Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar (Intercalibration Common Metric Index) (ICMi) (Mancini & Sollazzo, 2009)	It-tipi kollha	0,89	0,70
L-Irlanda	Forma riveduta tal-Indiċi Trofiku tad-Dijatomi (TDI — Trophic Diatom Index)	It-tipi kollha	0,93	0,78
Il-Latvja	Metodu Latvjan ta' valutazzjoni bl-użu tal-fitobentos	R-C4, R-C5, R-C6	0,70	0,50
Il-Litwanja	Indiċi Litwan tal-Fitobentos tax-Xmajjar	R-C1, R-C4, R-C5, R-C6	0,73	0,55
Il-Lussemburgu	Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	R-C3, R-C4 (alkalinità baxxa)	0,98	0,78
		R-C4 (alkalinità għolja), R-C5 u R-C6	0,99	0,78
In-Netherlands	KRW Maatlat	It-tipi kollha	0,80	0,60
Il-Polonja	Indeks Okrzemkowy IO dla rzek (Indiċi tad-Dijatomi għax-xmajjar)	It-tipi kollha	0,80	0,58
Spanja	Indiċi Multimetriku tad-Dijatomi (MDIAT)	R-C2, R-C3, R-C4	0,93	0,70
L-Iżvezja	Metodi ta' valutazzjoni Żvediżi, ir-regolamenti tal-EPA Svediżi (NFS 2008:1) ibbażati fuq l-Indice de Polluosensibilité Spécifique (IPS)	It-tipi kollha	0,89	0,74

Kategorija tal-ilma	Xmajjar
Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar	Xmajjar Kontentali tal-Lvant

Deskrizzjoni tat-tipi li ġew interkalibrati

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Ekoreġjun	Baċir idrografiku (km²)	Altitudni (m a.s.l.)	Ġeoloġija	Sottostrat
R-E1a	Karpazji: żgħira sa medja, altitudni medja	10	10–1 000	500–800	Imħallta	
R-E1b	Karpazji: żgħira sa medja, altitudni medja	10	10–1 000	200–500	Imħallta	
R-E2	Pjanuri: daqs medju, art b'altitudni baxxa	11 u 12	100–1 000	< 200	Imħallta	Ramel u xaħx
R-E3	Pjanuri: kbira, art b'altitudni baxxa	11 u 12	> 1 000	< 200	Imħallta	ramel, xaħx u żrar
R-E4	Pjanuri: daqs medju, altitudni medja	11 u 12	100–1 000	200–500	Imħallta	Ramel u żrar
R-EX4	Kbira, altitudni medja	10, 11 u 12	> 1 000	200–500	Imħallta	Żrar u blat
R-EX5	Pjanuri: żgħira, art b'altitudni baxxa	11 u 12	10–100	< 200	Imħallta	Ramel u xaħx
R-EX6	Pjanuri: żgħira, altitudni medja	11 u 12	10–100	200–500	Imħallta	Żrar
R-EX7	Balkani: żgħira, kalkarja, altitudni medja	5	10–100	200–500	Kalkarja	Żrar
R-EX8	Balkani: daqs żgħir għal medju, xmajra tal-karst kalkarja	5	10–1 000		Kalkarja	Żrar, ramel u xaħx

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

R-E1a: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, ir-Rumanija, is-Slovakkja

R-E1b: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja

R-E2: il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja

R-E3: il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja

R-E4: l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Bulgarija, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja

R-EX4: iċ-Ċekja, ir-Rumanija, is-Slovakkja

R-EX5: il-Kroazja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja

R-EX6: il-Kroazja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja

R-EX7: il-Kroazja, is-Slovenja

R-EX8: il-Kroazja, is-Slovenja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Invertebrati bentiċi

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika– il-parti dwar l-invertebrati bentiċi	R-E4	0,80	0,60
Il-Bulgarija	IBI (BG) (Indiċi Bijotiku Irlandiż — Irish Biotic Index (BG))	R-E1a, R-E1b	0,86	0,67
		R-E2, R-E3	0,80	0,60
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makroinvertebrati bentiċi	R-E2, R-E3, R-EX5, R-EX6	0,80	0,60
Iċ-Ċekja	Sistema Ċeka għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar li tuża l-makroinvertebrati bentiċi	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3	0,80	0,60
L-Ungerija	Indiċi Multimetriku Ungeriż tal-Makroinvertebrati	R-E1b, R-E3, R-E4, R-EX5, R-EX6	0,80	0,60
Ir-Rumanija	Metodu ta' valutazzjoni għall-istatus ekoloġiku tal-korpi tal-ilma bbażat fuq il-makroinvertebrati	R-E1a, R-E1b, R-E3, R-EX4	0,80	0,60
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi bentoških nevretenčarjev	R-E4, R-EX5, R-EX6	0,80	0,60
Is-Slovakkja	Valutazzjoni Slovakka tal-invertebrati bentiċi fix-xmajjar	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-E4, R-EX4	0,80	0,60

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	AIM (Indiċi Awstrijak tal-Makrofiti għax-xmajjar)	R-E4	0,875	0,625
Il-Bulgarija	Indiċi ta' Referenza	R-E2, R-E3	0,570	0,370
		R-E4	0,510	0,270
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makrofiti fix-xmajjar	R-E2, R-E3	0,800	0,600

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Iċ-Ċekja	Metodu ta' valutazzjoni tal-korpi tal-ilma ġieri tal-wiċċ fiċ-Ċekja bl-użu ta' elementi ta' kwalità bijoloġika — makrofiti	R-E2, R-E3	0,750	0,500
Iċ-Ċekja	Metodu ta' valutazzjoni tal-korpi tal-ilma ġieri tal-wiċċ fiċ-Ċekja bl-użu ta' elementi ta' kwalità bijoloġika — makrofiti	R-E4	0,770	0,560
L-Ungerija	Indiċi ta' Referenza	R-E2, R-E3	0,700	0,370
Ir-Rumanija	Sistema Rumena ta' valutazzjoni bbażata fuq il-Makrofiti għax-xmajjar (Indiċi tal-Makrofiti għax-Xmajjar — (MARI))	R-E2, R-E3, R-E4	R-E2 u R-E3: 0,875, R-E4: 0,783	it-tipi kollha: 0,625
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi fitobentosa in makrofitov, fitobentos	R-E2, R-E3, R-E4	0,800	0,600
Is-Slovakkja	Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar (Macrophyte Biological Index for Rivers) (IBMR-SK)	R-E2, R-E3, R-E4	0,800	0,600

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR KONTINENTALI TAL-LVANT	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Fitobentos

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
L-Awstrija	Valutazzjoni tal-elementi ta' kwalità bijoloġika — il-parti dwar il-Fitobentos [Leitfaden zur Erhebung der biologischen Qualitätselemente, Teil A3 -Fließgewässer/Phytobenthos]	R-E4	0,64	0,49
Il-Bulgarija	Valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tax-xmajjar fil-Bulgarija bbażata fuq l-indiċi tad-dijatomi IPS	R-E1a, R-E1b, R-E3	0,87 (tip nazzjonali R2, R4) 0,85 (tip nazzjonali R7, R8)	0,66 (tip nazzjonali R2, R4) 0,64 (tip nazzjonali R7, R8)

Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Tip	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
			Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-fitobentos fix-xmajjar	R-E2, R-E3, R-EX5, R-EX6, R-EX7, R-EX8	0,862	0,60
Iċ-Ċekja	Sistema ta' valutazzjoni għax-xmajjar li tuża l-fitobentos	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-EX4	0,80	0,60
L-Ungerija	Valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar ibbażata fuq id-dijatomi	R-E1b, R-E2, R-E3, R-EX5	0,80	0,60
Ir-Rumanija	Metodu ta' Valutazzjoni Nazzjonali (Rumen) tal-Istatus Ekoloġiku tax-Xmajjar ibbażat fuq il-Fitobentos (Dijatomi) (National (Romanian) Assessment Method for Rivers Ecological Status based on Phytobenthos (Diatoms)) RO-AMRP	R-E1a, R-E1b, R-E3	0,80	0,60
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi fitobentosa in makrofitov, fitobentos	R-E4, R-EX5, R-EX6, R-EX7, R-EX8	0,80	0,60
Is-Slovakkja	Sistema ta' valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku għax-xmajjar li tuża l-fitobentos	R-E1a, R-E1b, R-E2, R-E3, R-E4, R-EX4	0,90	0,70

Kategorija tal-ilma	Xmajjar
Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar	Xmajjar mediterranji

Deskrizzjoni tat-tipi li ġew interkalibrati

Tip	Karatterizzazzjoni tax-xmara	Baċir idrografiku (km²)	Ġeoloġija	Sistema ta' fluss
R-M1	Xmajriet Mediterranji żgħar	< 100	Imħallta (ħlief siliċika)	Staġjonali ħafna
R-M2	Xmajriet Mediterranji medji	100–1 000	Imħallta (ħlief siliċika)	Staġjonali ħafna
R-M4	Xmajriet fil-muntanji Mediterranji		Mhux siliċika	Staġjonali ħafna
R-M5	Xmajriet temporanji			Temporanju

Pajjiżi li għandhom it-tipi li ġew interkalibrati komuni:

R-M1: Il-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

R-M2:: Il-Bulgarija, il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

R-M4:: Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Spanja

R-M5:: Il-Kroazja, Ċipru, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR MEDITERRANJI

Element ta' Kwalità Bijoloġika Invertebrati bentiċi

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
R-M1			
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makroinvertebrati bentiċi	0,800	0,600
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,676	0,464
Il-Greċja	Sistema Ellenika ta' Evalwazzjoni-2 (HESY-2)	0,943	0,750
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi)	0,970	0,720
Il-Portugall	Metodu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità Bijoloġika tax-Xmajjar-Invertebrati Bentiċi (Rivers Biological Quality Assessment Method-Benthic Invertebrates) (IPtIN, IPtIS)	0,870 (tip 1)	0,678 (tip 1)
		0,850 (tip 3)	0,686 (tip 3)
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi bentoških nevretenčarjev	0,800	0,600
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP — Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,845	0,698
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan — li juża *data* kwantitattiva (IMMi-T — Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,811	0,707
R-M2			
Il-Bulgarija	IBI (BG) (Indiċi Bijotiku Irlandiż — Irish Biotic Index (BG))	0,800	0,600
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makroinvertebrati bentiċi	0,800	0,600
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,676	0,464
Il-Greċja	Sistema Ellenika ta' Evalwazzjoni-2 (HESY-2)	0,944	0,708
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi)	0,940	0,700
Il-Portugall	Metodu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità Bijoloġika tax-Xmajjar-Invertebrati Bentiċi (Rivers Biological Quality Assessment Method-Benthic Invertebrates) (IPtIN, IPtIS)	0,830 (tip 2)	0,693 (tip 2)
		0,880 (tip 4)	0,676 (tip 4)

Tip u Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi bentoških nevretenčarjev	0,800	0,600
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP — Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,845	0,698
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan—li juża *data* kwantitattiva (IMMi-T — Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,811	0,707
R-M4			
Ċipru	Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR (STAR_ICMi)	0,972	0,729
Franza	Indiċi multimetriku bbażat fuq il-makroinvertebrati għall-valutazzjoni ekoloġika tax-xmajjar Franċiżi li jistgħu jinqasmu bil-mixi (I_2M_2)	0,676	0,464
Il-Greċja	Sistema Ellenika ta' Evalwazzjoni-2 (HESY-2)	0,850	0,637
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi)	0,940	0,700
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP — Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,840	0,700
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan—li juża *data* kwantitattiva (IMMi-T — Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,850	0,694
R-M5			
Il-Kroazja	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makroinvertebrati bentiċi	0,800	0,600
Ċipru	Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR (STAR_ICMi)	0,982	0,737
Il-Greċja	Sistema Ellenika ta' Evalwazzjoni-2 (HESY-2)	0,963	0,673
L-Italja	MacrOper (ibbażat fuq l-Indiċi Metriku Komuni tal-Interkalibrar STAR ICMi)	0,970	0,730
Il-Portugall	Metodu ta' Valutazzjoni tal-Kwalità Bijoloġika tax-Xmajjar-Invertebrati Bentiċi (Rivers Biological Quality Assessment Method-Benthic Invertebrates) (IPtIN, IPtIS)	0,973 (tip 5)	0,705 (tip 5)
		0,961 (tip 6)	0,708 (tip 6)
Is-Slovenja	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi bentoških nevretenčarjev	0,800	0,600
Spanja	Grupp ta' Ħidma Iberjan għal Monitoraġġ Bijoloġiku (IBMWP — Iberian Biological Monitoring Working Party)	0,830	0,630
Spanja	Indiċi Multimetriku Mediterranju Iberjan—li juża *data* kwantitattiva (IMMi-T — Iberian Mediterranean Multimetric Index)	0,830	0,620
Spanja (Gżejjer Baleariċi)	INVMIB index (INVertebrate Multimetric Illes Balears)	0,93	0,68

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR MEDITERRANJI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
		Delimitazzjoni Għoli-Tajjeb	Delimitazzjoni Tajjeb-Moderat
R-M1, M2, M4			
Il-Bulgarija (R-M1 u R-M2)	RI (BG) (Indiċi ta' Referenza — Reference Index (BG))	0,640	0,350
Il-Kroazja (R-M1 u R-M2)	Metodu ta' klassifikazzjoni Kroat għall-makrofiti fix-xmajjar	0,800	0,600
Ċipru (R-M4)	IBMR — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	0,795	0,596
Franza	IBMR — Indice Biologique Macrophytique en Rivière Standard Franċiż NF T90-395 (2003-10-01)	0,930	0,745
Il-Greċja	IBMR — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	0,750	0,560
L-Italja	IBMR — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	0,900	0,800
Il-Portugall (R-M1 u R-M2)	IBMR — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	0,920	0,690
Is-Slovenja (R-M1 u R-M2)	Metodologija vrednotenja ekološkega stanja vodotokov na podlagi fitobentosa in makrofitov, fitobentos	0,800	0,600
Spanja	IBMR — Indiċi Bijoloġiku tal-Makrofiti għax-Xmajjar	0,950	0,740

RIŻULTATI TAL-GRUPP ĠEOGRAFIKU TA' INTERKALIBRAR TAX-XMAJJAR MEDITERRANJI	
Element ta' Kwalità Bijoloġika	Makrofiti u Fitobentos
Sottoelement ta' Kwalità Bijoloġika	Fitobentos

Riżultati: Proporzjonijiet tal-kwalità ekoloġika tal-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati

Tip u Pajjiż	Sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni interkalibrati	Proporzjonijiet tal-Kwalità Ekoloġika	
